*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,139, 3 ta' Ottubru, 1975*

***Taqsima B***

**A.L. 118 ta' l-1975**

## ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

### Regolamenti ta' l-1975 dwar id-Drittijiet (Ġarr ta' Kadavri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir tal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Portijiet, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1975 dwar id-Drittijiet (Ġarr ta' Kadavri).

Dritt għat-trasport ta' kadavri.

2. Għandu jinġabar mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għas-sorveljanza tal-ġarr ta' xi kadavri għal jew mill-ajruport jew xi port f'dawn il-Gżejjer dritt ta' ħames liri:

Iżda ma għandu jinġabar ebda dritt meta l-kadavru jkun qed jinġarr minn Għawdex biex jindifen f'Malta, jew viċi versa.